**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 07/22**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tlieta, 2 ta' Awwissu 2022 |
| **Ħin:** | 5.40pm |
| **Post:** | *Microsoft Teams* |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera (Mis-6:23pm)<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:26pm)<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Mis-5:50pm)<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera (Mis-6:04pm)<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **07.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **07.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **07.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **07.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **07.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **07.06** | **Żejt iż-Żejtun;** |
| **07.07** | **Ingaġġ ta' żewġ ġardinara;** |
| **07.08** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **03.09** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **03.10** | **Mozzjonijiet; u** |
| **03.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**07. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija. | |

**07. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 06/22 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 7 2 1 | 06.03.01 | Chircop | L-anniversarju irid jiġi dak ta' 225 sena. | |
| 7 2 2 | 06.02.09 | Chircop | Għandha tiġi taqra Wesgħet Nenu Delia. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**07. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2 3 | 06.02.06 | Chircop | Chircop qal li r-ritratti issa huma magħżula u ser jintagħżlu l-frames ħalli sal-aħħar t'Awwissu jitwaħħlu. | Chircop / Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2 | 4 | 06.02.09 | Chircop : Ismijiet ta' toroq | L-isimjiet għadhom ma' ħarġux fil-gazzetta tal-gvern. L-ismijiet huma approvati u l-plakek lesti. Kif jiġu ppublikati jitwaħħlu. Ser jitkellem ma' Indis Malta minħabba Sqaq il-Merħla peress li din tagħmel parti miż-żona industrijali. Ġibed l-attenzjoni lill-Kumitat Ismijiet tat-toroq dwar Triq il-Ħaddiema u Trejqet l-Industrija li ingħataw minn Indis Malta peress li diġa hemm bħalhom fiż-Żejtun biex jittieħdu passi dwarhom u jinbidlu peress li dawn mhux approvati minnhom. | Chircop |
| 07. | 2 | 5 | 06.02.10 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li din kienet suċċess bl-akbar attendenza kemm ilha issir. Irringrazzja lill-Onor. Owen Bonnici, Onor Alicia Bugeja Said u l-Onor. Abela, lill-kunislliera li attendew.<br>Ir-rebbieħa tal-konkors letterarju huma:<br>1) Poeżija - Daniela Schembri<br>2) Djalett - Emma Pace<br>3) Tfal - Maya Cassar<br>4) Kitba Malti Standard - Rita Saliba | Chircop |
| 07. | 2 | 6 | 06.03.01 | Chircop: Applikazzjoni għall-fondi | Chircop qal li l-applikazzjoni għall-fondi saret pero ġejna nfurmati li dawn jekk jiġu approvati, jistgħu jintużaw wara Frar 2023. | Chircop |
| 07. | 2 | 7 | 06.05.02 | Chircop: Tilar fi Triq Bandolier | Chircop qal li dan it-tilar li kien ilu xhur hemm, tneħħa. | Chircop |
| 07. | 2 | 8 | 06.09.07 | Chircop: Artist tax-xahar | Chircop qal li bħalissa hemm esebiti tlett ritratti tal-artist Charles Mifsud sa nofs Awwissu u wara pitturi ta' Benny Magro. | Chircop |
| 07. | 2 | 9 | 06.02.11 | Viċi-Sindku: Tours | Il-Viċi-Sindku ikkonfermat ma' Chircop li dawn ser isisru għal Żejt iż-Żejtun ukoll. Chircop ikkonferma dan. | Chircop |
| 07. | 2 | 10 | 06.02.15 | Viċi-Sindku: Problema tal-ħamiem | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk hemmx lok li l-feeders jitpoġġew f'postijiet oħra. Baldacchino qal li ser niċċekjaw nistgħux nirrilokaw li hemm peress li mill-pjazza qed jonqos. | Baldacchino / Fenech |
| 07. | 2 | 11 | 06.02.16 | Viċi-Sindku: Dog area fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Il-Viċi-Sindku tkellmet dwar il-problema tal-ħmieġ f'dan il-ġnien. Staqsiet jekk hux lok li ssir area fejn ikunu jistgħu jiddaħlu l-klieb. Kien hemm diskussjoni dwar dan u ma huwiex lok li dan isir. | |
| 07. | 2 | 12 | 06.03.02 | Viċi-Sindku: Gazebo tal-ġnien | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kellniex garanzija. Is-Sindku qalet li l-ewwel darba li tkissret, ġiet irranġata b'xejn mill-kuntrattur. Issa ser issir bil-ħadid li suppost għandha tkun iktar b'saħħitha. Dawn huma kollha spejjes żejda li l-kunsill jidħol fihom minħabba vandaliżmu u arroganza tan-nies irresponsabbli. Uriet id-disinn ta' kif ġejjien. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħadd ma jista' jagħti garanzija kontra l-vandaliżmu. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2 | 13 | 06.04.02 | Viċi-Sindku: Ġnien iż-Żgħożija | Il-Viċi-Sindku staqsiet fejn qegħdin il-ħsarat. Is-Sindku qalet li hemm ħsarat fil-parti tan-nofs. Qed jiċċekja minn fejn qed jieħu s-supply peress li ħsibna li qed jieħu mis-sub statuion. Rigward il-funtana fi Ġnien l-Għannejja Żwieten din ser tiġi rranġata meta jsir il-paviment. | Sindku |
| 07. | 2 | 14 | 06.09.03 | Viċi-Sindku: Tenders vanijiet | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar fiex wasalna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lli tender wieħed huwa lest u daqt joħroġ. Dwar l-ieħor ser ikollna nbiddlu l-kundizzjonijiet minħabba s-sitwazzjoni bħalissa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. | 2 | 15 | 06.02.12 | Camilleri: MOU | Camilleri staqsiet dwar jekk ġiex iffirmat. Dan ġie ffirmat u għadda għand id-dementia Intervention Team. Qed nistennew risposta. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. | 2 | 16 | 06.02.13 | Camilleri: *Revision Classes* | Camilleri qalet li dawn bdew u applikaw 25 student. | Camilleri |
| 07. | 2 | 17 | 06.09.06 | Camilleri; Korsijiet tal-Life Long Learning | Camilleri qalet li l-applikazzjonijiet huma miftuħa sal-11 t'Awwissu. | Camilleri |
| 07. | 2 | 18 | 06.02.21 | Sindku: Librerija | Is-Sindku qalet li l-librerija ser tiġi rilokata. Ma sibniex koperazzjoni min naħa tad-dipartiment tal-edukazzjoni. Hemm il-ħsieb li din tiftaħ wara Santa Marija. Irringrazzjat lil-librara is-Sa. Marsh kif ukoll il-ħaddiema tal-iskola għall-għajnuna. Is-Sindku qalet li l-librerija ser terġa tiġi rilokata lura fil-post oriġinali tagħha fi Skola Primarja A u bħalissa qed jinġarru l-kotba minn Skola Primarja B għal skola primarja A. Sfortunatament ħadu 15 -il ġurnata sakemm tneħħa l-interactive whiteboard minn naħa tal-ICT support tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Konsegwenza t'hekk ma stajniex inkomplu. Il-librerija issa ser tkun qed tibda topera mill-ġdid nhar l-Erbgħa, 24 t'Awwissu bil-ħinijiet normali tas-sajf. | Sindku / Camilleri |
| 07. | 2 | 19 | 06.02.22 | Sindku: *Expression of Interest* | Is-Sindku qalet li ġiet ippublikata l-espressjoni ta' interess għall-*Junior Science Club.* | Sindku |
| 07. | 2 | 20 | 06.02.24 | Sindku: Toqob | Is-Sindku qalet li hemm xi residenti li qed joġġezzjonaw dwar dan it-tiżjin. Kien hemm diskussjoni fuqha u qbil li jekk ma jaqblux ir-residenti bejnithom ma jsirux dawn it-toqob. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 2 | 21 | 06.02.25 | Sindku: Ħaddiema manwali tal-kunsill | Is-Sindku qalet li ġew ikkonfermati iż-żewġ ħaddiema magħżula li huma Lawrence Azzopardi u Clifford Vella. Faħħret ix-xogħol li diġa qed jagħmlu. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat lista tal-għodda li għandha tinxtara sabiex ikunu jistgħu jaħdmu. Din ġiet approvata u ġie diskuss ukoll li għandu jinxtara vann għal istess għan. Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |

**07 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/22. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 1 | | Sindku: Studenti mal-Kunsill | Is-Sindku qalet li kellna lis-Sur Paul Bugeja assenjat mal-Kunsill għal ħmistax fejn ħa ħsieb li jdur fejn kellna bżonn fid-dawl tal-kunsill. Irringrazzjawh tax-xogħol siewi li għamel. Qalet ukoll li ser ikollna żewġ studenti fil-ġimgħat li ġejjien, Janine Poque li ser tibda nhar it-tnejn għal perjodu ta' 6 ġimgħat. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 3 | 2 | | Sindku- Abbuż ta' rimi ta' materjal | Is-Sindku qalet li rċeviet ilmenti li fiż-żona ta' Ġebel San Martin k/m Triq Mikiel Busuttil kien qed jintefgħu munzelli ta' terrapien. Għamilna rapport mal-ERA u PA dwar dan biex jinvestigaw. | Sindku |
| 07 | 3 | 3 | | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li qed nitkellmu man-Nexos Street Lighting dwar kif jista' jiġi mdawwal Ġnien il-Kmandant li issa qed jinfetaħ għall-pubbliku. | Sindku |
| 07 | 3 | 4 | | Sindku: Fondi | Is-Sindku qalet li fis-26 ta' Lulju ġejna mgħoddija l-fondi li jammontaw għal €103,000 għal proġett ta' Ħal Tmin. Ser napplikaw għal permessi tal-PA biex ikun jista' jibda x-xogħol ta' tħaddir u tisbiħ ta' din iż-żona. | Sindku |
| 07 | 3 | 5 | | Sindku: Pendenzi mal-Lands | Is-Sindku qalet li l-Onor Ray Abela tagħna spinta mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar pendenzi li kellna u grazzi għal din l-għajnuna | Sindku |
| 07 | 3 | 6 | | Sindku: Misraħ ta' Pizzuta | Is-Sindku qalet li f'Misraħ ta' Pizzuta twaħħlu l-bankijiet u qed jitkompla x-xogħol fuq il-fanali biex il-pjazza tkun imdawwla. | Sindku |
| 07 | 3 | 7 | | Sindku: Zebra crossing fi triq Toni Zahra | Is-Sindku qaelt li z-zebra crossing hija lesta imma għad baqa' d-dawl u t-tabelli. | Sindku |
| 07 | 3 | 8 | | Sindku: Xogħol fit-toroq | Is-Sindku qalet li għaddej ix-xogħol fi Triq Ġibja Rumana u Triq Santa Monika li kellu jieqaf għal ftit minħabba Supretendenza tal-Wirt Kulturali u l-ġimgħa ta' Santa Marija. | Sindku |
| 07 | 3 | 9 | | Chircop: Toroq għal asfalt | Chircop staqsa dwar il-lista lijmiss ta' toroq li ser jiġu asflatata. Is-Sindku semmiet numru ta' toroq li kienu approvati minn Infrastruttura Malta. Ser inkunu qed niċċekjaw magħhom meta ser jibda x-xogħol. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 10 | | Chircop: Skart f'diversi żoni | Chircop qal li qed ikollna munzelli ta' skart speċjalment fejn hemm binjiet kbar. Issuġerixxa li tintbagħat ittra lir-residenti. | Chircop |
| 07 | 3 | 11 | | Sindku: Ġnien ż-żgħożija | Is-Sindku qalet li ġie devolut lilna b'mod sħiħ dan il-ġnien. Dan għandu jqajjem diskussjoni dwar kif dan il-ġnien jista' jiġi utilizzat aħjar u jiġi rranġat b'mod ħolistiku inkluż ż-żona fejn hemm il-gabbana. Dwar dan ser tkompli d-diskussjoni biex jiġi mfassal pjan għal dan. | |
| **07.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 4 | 1 | | Camilleri | Camilleri staqsiet jekk kinx hemm żvilupp fuq ilment dwar gutter tal-ilma fi Triq San Porfilju. Is-Sindku qalet li tkellmet mal-perit u ntlaħaq ftehim mar-resident. | |
| 07. | 4 | 2 | | Fenech | Fenech qalet li għandna nkellmu l-kuntrattur tal-skart minħabba l-ħin li qed imur jiġbor fejn l-Iskola Primarja minħabba l-konfuzzjoni li qed tinħoloq minħabba Skola Sajf. | Sindku |
| 07. | 4 | 3 | | Viċi-Sindku: Charging point | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar talba li konna għamilna għal-charging point f'Misraħ il-Bjar. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li konna għamilna t-talba u ma jidhirx li kienet irrifjutata. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. | 4 | 4 | | Viċi-Sindku: Multi | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li qed jitwaħħlu multi li ġenwinament ikunu marru jarmu fil-Bring In sites. Ser nitkellmu mal-LESA dwar dan. | |
| **07.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 5 | 1 | | | Ma kinx hemm iktar xogħol imsemmi | |
| **07.** | **6.** | | | **Żejt iż-Żejtun;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 07. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li bħalissa qed jiddaħlu l-permessi fuq is-sistema. Il-Viċi-Sindku qalet li l-grupp tal-għana ser jibqgħu wara l-knisja. Qalet li hemm bżonn niltaqgħu mal-baned dwar kif ser nimxu. Tal-armar ser iżidu żewġ bandalori oħra biex issa ser ikollna erbgħa b'kollox. Ser ikollna għaxar gruppi barranin li ser jieħdu sehem. Qalet ukoll li ser jitnaqqas l-ammont minfuq fuq reklamar peress li l-ispejjes qed jiżdiedu. | Viċi-Sindku |
| **07.** | **7.** | | | ***Ingaġġ ta' żewġ ġardinara;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li hemm bżonn jiġu ngaġġati żewġ ġardinara sabiex ikunu iffukati fuq is-*soft areas*. Qalet li saret kważi mpossibli li l-kuntrattur iżomm dawn iż-żoni kif suppost minħabba nuqqas ta' ħaddiema. Dan wassal ukoll biex il-kuntrattur jitwaqqaf. Sakemm jiġu ngaġġati ilħaqna ftehim għal mhux iktar minn tlett xhur mal-kuntrattur Silvar Constructions u ser jieħu ħsieb hu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |

**07. 8.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 8. 1 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm żewġ gruppi għal Etnaland, wieħed is-Sibt lki ġej u ieħor fit-13 t'Awwissu. | |
| 07. 08. 2 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li l-play imtella' minn 4J's kienet suċċess. Irringrazzjat lill-Kunsill għall-għajnuna li sabu. Is-Sindku feħitilhom u qalet li n-nies iridu dawn l-attivitajiet. | |

**07. 11.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/22 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 07/22 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. 11. 3 | | *Petty Cash* - Lulju 2022 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Lulju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €96.94 | Segretarju Eżekuttiv |

**07 12** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 12 1 | | Chircop | Chircop spjega li dwar dan il-motto għandu jkun hemm żewġ verżjonijiet li tinkludi dak li hemm bil-Malti u ieħor li meta jkollna bżonnu bil-latin nużaw lilu. Kien hemm qbil dwar dan. | Chircop |
| 07. 12 2 | | Chircop | Chircop għadda mozzjoni bid-dettalji ta' dak kollu li ser isir fil-Milied fejn ser napplikaw għal Iljieli Mdawwla b'somma ta' €11,000 kif ukoll seminar dwar il-presepju €200, wirja tal-presepji €600, kompetizzjoni tijin tal-Milied €1,100, għanjiet tal-Milied tul triqatna €1,000, The Magical Garden fi Ġnien l-Għannejja wieten €9,500 u ewġ kunċerti tal-Milied bl-isem The Festive Concerts €8,500. B'kollox jammontaw għal €31,900 u l-Kunsill ser ikun qed iħallas 10% minnhom. Dan ġie approvat unanimament. | Chircop |

**07 13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:08pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru 2022 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |